# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/05, it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 5 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru fil-5 u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI**

Hadd

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:32pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*5.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*5.4 Korrispondenza*

*5.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*5.7 L-aħħar żvilluppi fuq il-proġett ta' Triq Sir Harry Luke;*

*5.8 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin;*

*5.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa*

## 5.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kinx irċieva ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 5.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

5.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku infoma li r-rampa tal-iskola primarja kienet lesta u qed tintuża. Sar ukoll xi tindif relatat.

5.3.2 Is-Sindku ta' rendikont tal-inizzjattiva ta' tindif 'clean-up' li saret fl-inħaw ta' Ras il-Ġebel ftit jiem qabel fejn membri tal-għaqdiet mil-lokalita' ġabru żewġ skips ta' materjal li kien ġie mormi biex b' hekk din iż-żona tnaddfet kif xieraq.

Il-Kunsillier Clayton Gauci daħal fis-5:44pm.

## 5.4 Korrispondenza

5.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

5.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill petizzjoni imressqa minn residenti taż-żona Ta' Mrejnu dwar Sqaq in-Naħal dwar tħassib ta' dawn ir-residenti dwar xogħlijiet li kienu qed jiġu ppjanati li jsiru hemmhekk. Il-Viċi Sindku Wistin Vella informa lil kullħadd li minn dak in-nhar li saret il-petizzjoni, dawn ir-residenti kellhom konferma mill-awtoritajiet li ma kienx ser isiru xogħlijiet fi' Sqaq in-Naħal.

5.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proposta tal-kumpanija li toffri l-online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill tal-Imġarr, dwar il-video-on-demand ta' dawn l-istess laqgħat. Din il-proposta ġiet evalwata u diskussa mill-Kunsill u fl-aħħar ġiet approvata unanimament.

## 5.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

5.5.1 Ġiet diskussa proposta biex issir attivita' marbuta mal-World's Children Day. Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil u Odette Muscat ser ikunu qed jieħdu ħsieb jara x' hemm bżonn li jsir.

5.5.2 Il-Kunsilliera Odette Muscat pproponiet li l-Kunsill jagħmel talba sabiex il-rotta tal-linja 238 tiżdied fil-frekwanza, speċjalment fil-għodu bejn is-6am u d-9am. Il-Kunsill qabel u se titrressq talba quddiem il-Malta Public Transport.

5.5.3 Il-Kunsill approva li ssir talba mmressqa mir-residenti waqt il-Laqgħa pubblika li saret ix-xahar ta' qabel biex issir zebra-crossing fi' Triq Fisher, fil-kantuniera tal-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

5.5.4 Il-Kunsillier Odette Muscat ressqet proposta mingħand numru ta' residenti sabiex isir bus-stop fi' Triq Sir Temi Zammit, in-naħa tat-tisliba ma' Triq il-Fuħħar l-Aħmar. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ra li l-aħjar post fejn dan isir huwa fuq il-koordinati 44104 x 75375 fuq il-Map Server tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Din il-proposta ser tgħaddi għand l-awtoritajiet.

## 5.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

5.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 4/8 2019 li kienet tammonta għall-59,765 Ewro u 18 ċenteżmi.

4.6.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, u minn Kunsillieri oħra.

## 5.7 L-Aħħar Żvilluppi fuq il-proġett ta' Triq Sir Harry Luke

5.7.1 Ġie rreġġistrat il-fatt li ma kiex hemm żvilluppi dwar dan il-proġett li ġew ikkommunikati lill-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jibgħat nota ta' tfakkira lill-On. Ministru Borg dwar dan.

## 5.8 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin

5.8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet għal matul ix-xitwa.

5.8.2 Ġie maqbul li l-Laqgħa tal-Kommunita' għas-sena 2019 ssir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru fil-għaxija. Wara ser issir bibita għall-dawk presenti.

5.8.3 Ġie maqbul ukoll li Ġieħ l-Imġarr issir nhar il-Hadd 2 ta' Frar 2020, fis-6:30pm fis-Sala tal-iskola primarja.

## 5.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

5.09.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn, 18 ta' Novembru 2019, fil-5:30pm.

5.09.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:55pm.

**Paul Vella**

Sindku

**Cyprian Dalli**

Segretarju Eżekuttiv